MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2012

Numru. 609/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Alexander Angileri ID144887(M) iben Mario u Catherine nee` Chircop imwieled Pieta` fit-03/03/1987 u residenti gewwa Nru. 72, St. Joseph Flats, Flt 6, Triq il-Farinal, Mosta**

**--------------Omissi----------------**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fis-6 ta’ Lulju 2009 ghall-habta ta’ bejn il-11.15am u 11.25am barra l-Marsa Sports Complex, Marsa kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101

tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga ‘msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Lil Alexander Angileri wahda talli ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 t’April, 2005, fejn kien misjub hati li kkommetta reat u gie ikkundannat sentejn habs (prigunerija) sospizi ghal erba; (4) snin;

U talli kiser il-provediment tal-Probation fejn kien gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 20 ta’April, 2005

Omissis

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal- ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu peress li t-tieni u t-tielek akkuza kienu diga ghaddew.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fatt illi l-imputat illum irriforma hajtu u piena karcerarja ma tkunx wahda idonea.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 tillibera lill-imputat mit-tieni u mit-tielet akkuza u issibu hati tal- ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li huwa ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------